



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

**Din id-dikjarazzjoni ta' privatezza tipprovdi informazzjoni dwar
l-ipproċessar u l-protezzjoni tad-*data* personali tiegħek.**

Operazzjoni ta' proċessar: Il-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE – WEBINARS DIRETTI

Kontrollur tad-*Data*: Il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ SANTE, l-Unità B3 - Monitoraġġ u kooperazzjoni tas-saħħa, Networks tas-saħħa, id-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari, il-Kummissjoni Ewropea

Referenza tar-rekord: DPR-EC-01063

Werrej

1. Introduzzjoni
2. Għaliex u kif nipproċessaw id-*data* personali tiegħek?
3. Fuq liema bażi(jiet) ġuridika/ċi nipproċessaw id-*data* personali tiegħek?
4. Liema *data* personali niġbru u nkomplu nipproċessaw?
5. Għal kemm żmien tinżamm id-*data* personali tiegħek?
6. Kif nipproteġu u nissalvagwardjaw id-*data* personali tiegħek?
7. Min għandu aċċess għad-*data* personali tiegħek u lil min tiġi żvelata?
8. X'inhuma d-drittijiet tiegħek u kif tista' teżerċitahom?
9. Informazzjoni ta' kuntatt
10. Fejn tista' ssib informazzjoni aktar dettaljata?

1. Introduzzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea hija impenjata li tipproteġi d-*data* personali tiegħek u li tirrispetta l-privatezza tiegħek. Il-Kummissjoni tiġbor u tkompli tipproċessa d-*data* personali skont ir-[Regolament \(UE\) 2018/1725](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*.

Din id-dikjarazzjoni ta' privatezza tispjega r-raġuni għall-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek fil-kuntest tal-Webinars Diretti tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE. Din tispjega l-mod kif aħna niġbru, nittrattaw u niżguraw il-protezzjoni tad-*data* personali kollha pprovduta, kif tintuża dik l-informazzjoni u liema drittijiet għandek fir-rigward tad-*data* personali tiegħek. Din tispeċifika wkoll id-dettalji ta' kuntatt tal-Kontrollur tad-*Data* responsabbli li miegħu tista' teżerċita d-drittijiet tiegħek, l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*.

L-informazzjoni relatata mal-operazzjoni ta' proċessar tal-Webinars Diretti tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE, imwettqa mill-Unità SANTE B3 - Monitoraġġ u kooperazzjoni tas-saħħa, Networks tas-saħħa, id-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari, il-Kummissjoni Ewropea tal-Kummissjoni Ewropea, hija ppreżentata hawn taħt.

2. Għaliex u kif nipproċessaw id-*data* personali tiegħek?

Il-fini tal-operazzjoni ta' proċessar: Il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ SANTE, l-Unità B3 (Kontrollur tad-*Data*) tiġbor u tkompli tipproċessa d-*data* personali tiegħek biex tipprovdilek informazzjoni dwar il-Webinars Diretti tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE (qabel, matul u wara), biex tipproċessa l-applikazzjoni tiegħek għall-parteċipazzjoni f'dak il-webinar u biex ixxerred il-kontenut tal-webinar.

Se jkun hemm xandir dirett fuq l-internet u r-reġistrazzjoni awdjoviżiva fil-Webinars Diretti tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE tal-kelliema, l-organizzaturi u l-parteċipanti, kif ukoll se jittieħdu ritratti tal-iskrin tal-kelliema u tal-parteċipanti u tal-organizzaturi u dawn se jiġu ppubblikati fil-kuntest tal-webinar fuq il-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE u kanali oħra ta' komunikazzjoni ġestiti mid-DĠ SANTE bħal Twitter, IntraComm, IntraSante, is-sit web tas-Saħħa Pubblika, Luxweb u newsletter.

Jistgħu jittieħdu ritratti (ritratti tal-iskrin) tal-udjenza jew tal-parteċipanti li ma jikkellmex individwalment jew fi gruppi jekk dawn jindirizzaw il-webinar. Dawn jistgħu jidhru wkoll f'ritratti panoramiċi tal-avveniment/tal-udjenza kollha.

Il-parteċipanti li ma jixtiqux ikunu parti mill-attivitajiet ta' xandir fuq l-internet/tal-webinar u ta' reġistrazzjoni/pubblikazzjoni ta' hawn fuq, għandhom il-possibbiltà li joġġezzjonaw għall-ipproċessar billi jitfu l-webcams tagħhom jew jinteraġixxu ma' kelliema u parteċipanti oħrajn permezz taċ-chat tal-webinar biss.

3. Fuq liema bażi(jiet) ġuridika/ċi nipproċessaw id-*data* personali tiegħek?

L-operazzjonijiet ta' proċessar tad-*data* personali, marbuta mal-organizzazzjoni, il-ġestjoni, is-segwitu u l-promozzjoni tal-Webinars Diretti tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE (inklużi x-xandir fuq l-internet, ir-ritratti, ir-reġistrazzjoni awdjoviżiva) huma meħtieġa għall-ġestjoni u għall-funzjonament tal-Kummissjoni, skont il-mandat mogħti mit-Trattati. Dawk id-dispożizzjonijiet huma b'mod partikolari, ir-Regolament (UE) Nru 282/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar it-twaqqif tat-tielet Programm għal azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa (2014-2020), l-Artikolu 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 15 tat-Trattat dwar il-

Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Konsegwentement, dawk l-operazzjonijiet ta' proċessar huma legali skont l-Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament (UE) 2018/1725 (l-ipproċessar ikun meħtieġ għat-twettiq ta' kompitu li jsir fl-interess pubbliku jew fl-eżerċitar ta' awtorità uffiċjali mogħtija lill-istituzzjoni jew lill-korp tal-Unjoni).

Għal laqgħat ma' parteċipanti esterni (li ma humiex laqgħat ta' kumitat jew ta' (grupp ta') esperti jew laqgħat oħra ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni mal-persunal ta' istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE u Stati Membri), il-kunsens tiegħek huwa meħtieġ għal dan li ġej:

- ☐ il-kondiviżjoni tal-lista ta' parteċipanti fil-Webinars Diretti tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE li fiha ismek u l-affiljazzjoni tiegħek ma' parteċipanti oħra għal kollaborazzjoni futura fost il-parteċipanti;
- ☐ il-kondiviżjoni tal-lista ta' parteċipanti għal-laqgħa/l-avveniment/il-webinar li fiha ismek u l-affiljazzjoni tiegħek fost il-parteċipanti, sabiex jinħolqu gruppi ta' ħidma biex ikompli l-ħidma kollaborattiva mnedija matul il-laqgħa/l-avveniment/il-webinar;
- ☐ l-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek biex tiġi mistieden/mistiedna għal avvenimenti/webinars futuri li jistgħu jorganizzaw il-Webinars Diretti tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE;
- ☐ l-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek għall-ġestjoni tal-abbonament tiegħek għal newsletter tal-Webinars Diretti tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE.

Jekk taqbel, tkun qed tagħtina l-kunsens espliċitu tiegħek skont l-Artikolu 5(1)(d) tar-Regolament (UE) 2018/1725 biex nipproċessaw id-*data* personali tiegħek għal dawk il-finijiet speċifiċi. Tista' tagħti l-kunsens tiegħek permezz ta' att affermattiv ċar billi timmarka l-kaxxa/kaxxi fuq il-formola ta' reġistrazzjoni online.

Il-kunsens tiegħek għal dawn is-servizzi jista' jiġi rtirat fi kwalunkwe ħin:

- ☐ biex twaqqaf l-abbonament għan-newsletter, jekk jogħġbok agħfas il-buttuna "waqqaf l-abbonament" JEW ibgħat email lil sante-hpp@ec.europa.eu;
- ☐ biex tirtira l-kunsens li tkun ipprovdajt sabiex tibbenefika minn servizzi oħra, jekk jogħġbok ikkuntattja lill-kontrollur tal-laqgħa/avveniment/webinar fuq sante-hpp@ec.europa.eu.

4. Liema *data* personali niġbru u nkomplu nipproċessaw?

Id-*data* personali li ġejja se tiġi pproċessata:

- dettalji ta' kuntatt (funzjoni/titolu, isem, kunjom, isem tal-organizzazzjoni, belt, pajjiż, indirizz tal-email, numru tat-telefon);

5. Għal kemm żmien tinżamm id-*data* personali tiegħek?

Il-Kontrollur tad-*Data* jżomm biss id-*data* personali tiegħek għaż-żmien meħtieġ biex jiġi ssodisfat il-fini tal-ġbir jew tal-ipproċessar ulterjuri.

Għal kull waħda mill-kategoriji ta' *data* personali li tiġi pproċessata, jekk jogħġbok ara hawn taħt id-dettalji taż-żamma u r-referenza għar-rekord rilevanti tal-ipproċessar:

- ☐ Id-*data* personali kollha relatata mal-organizzazzjoni u l-ġestjoni tal-Webinars Diretti tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE (din tinkludi l-informazzjoni mogħtija matul ir-reġistrazzjoni, qabel, matul jew wara l-avveniment) se titħassar sena wara l-aħħar azzjoni relatata mal-Webinars Diretti tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE.

- ☐ Ir-reġistrazzjonijiet mill-Webinars Diretti tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE mxandra fuq l-internet se jinżammu għal **sentejn** qabel ma jitħassru. Ir-Rekord tal-Ipproċessar DPR-EC-00306 (Xandir fuq l-internet tal-avvenimenti tal-Kummissjoni) fih iktar informazzjoni.
- ☐ Id-*data* personali kondiviża mal-kontrollur għal finijiet ta' posta futuri (eż., biex tirċievi newsletters jew stedinet għal avvenimenti simili) tiġi pproċessata f'konformità mar-Rekord tal-Ipproċessar DPR-EC-03928 dwar il-Ġestjoni tal-abbonamenti biex tirċievi l-informazzjoni.

6. Kif niproteġu u nissalvagwardjaw id-*data* personali tiegħek?

Id-*data* personali kollha f'format elettroniku (emails, dokumenti, bażijiet tad-*data*, lottijiet imtella' ta' *data*, eċċ.) tinħażen jew fuq is-servers tal-Kummissjoni Ewropea, il-bażi tad-*data* Webex jew għodod oħra użati għal konferenzi fuq l-internet bħal Interactio, Skype for Business jew Teams awtorizzati mill-Kummissjoni. L-operazzjonijiet ta' proċessar kollha jitwettqu skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 tal-10 ta' Jannar 2017 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea

Sabiex tiproteġi d-*data* personali tiegħek, il-Kummissjoni daħħlet fis-seħħ għadd ta' miżuri tekniċi u organizzattivi. Il-miżuri tekniċi jinkludu azzjonijiet xierqa biex jindirizzaw is-sigurtà online, ir-riskju ta' telf tad-*data*, l-alterazzjoni tad-*data* jew l-aċċess mhux awtorizzat, filwaqt li jitqies ir-riskju ppreżentat mill-ipproċessar u n-natura tad-*data* personali li tkun qed tiġi pproċessata. Il-miżuri organizzattivi jinkludu r-restrizzjoni tal-aċċess għad-*data* personali biss għal persuni awtorizzati bi hteġġa leġittima li jkunu jafu għall-finijiet ta' din l-operazzjoni ta' proċessar.

7. Min għandu aċċess għad-*data* personali tiegħek u lil min tiġi żvelata?

L-aċċess għad-*data* personali tiegħek huwa pprovdut lill-persunal tal-Kummissjoni responsabbli għat-twettiq ta' din l-operazzjoni ta' proċessar u lil persunal awtorizzat ieħor tal-Kummissjoni skont il-prinċipju ta' "hteġġa ta' tagħrif". Tali persunal jirrispetta ftehimiet statutorji, u meta jkun meħtieġ, ftehimiet addizzjonali ta' kunfidenzjalità.

Fejn meħtieġ, nistgħu wkoll nikkondividu l-informazzjoni tiegħek mal-fornituri tas-servizzi għall-finijiet tal-organizzazzjoni tal-Webinars Diretti tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE.

Għodod tal-IT ta' partijiet terzi, inkluża l-Midja Soċjali

Aħna nużaw għodod tal-IT ta' partijiet terzi biex ninfurmaw dwar u nippromwovu l-Webinars Diretti tal-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni użati b'mod wiesa', inkluża l-media soċjali. Għal informazzjoni dettaljata dwar l-użu tal-media soċjali mill-Kummissjoni Ewropea, ara r-Rekord tal-Ipproċessar DPR-EC-00073 (Użu tal-Media Soċjali mill-Kummissjoni Ewropea).

Tista' tara l-filmati tagħna, li aħna ntellgħu wkoll fuq il-kont ta' Twitter tagħna @EU_Health, fuq il-kont ta' Vimeo tad-DĠ SANTE, fuq is-sit web tas-Saħħa Pubblika u fuq il-Pjattaforma tal-Politika tas-Saħħa tal-UE.

Sabiex tiġi protetta l-privatezza tiegħek, l-użu tagħna ta' għodod tal-IT ta' partijiet terzi biex noħolqu konnessjoni ma' daww is-servizzi ma jissettja cookies meta l-paġni tas-sit web tagħna jinfetħu fuq il-kompjuter tiegħek (jew apparat ieħor), u lanqas ma int se tiġi dirett(a) immedjatament lejn dik il-media soċjali jew siti web oħra. Huwa biss f'każ li tagħfas buttuna jew "play" fuq filmat biex tarah, li tiġi installata cookie tal-kumpanija tal-media soċjali kkonċernata fuq l-apparat tiegħek. Jekk ma tagħfas l-ebda buttuna jew filmat tal-media soċjali, ma jiġux installati cookies fuq l-apparat tiegħek minn partijiet terzi.

Sabiex tara dan il-kontenut ta' parti terza fuq is-siti web tagħna, messaġġ iwissik li jeħtieġ li taċċetta t-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi ta' daww il-partijiet terzi, inklużi l-politiki tal-cookies tagħhom, li l-Kummissjoni ma għandha l-ebda kontroll fuqhom.

Nirrakkomandaw li l-utenti jaqraw bir-reqqa l-politiki ta' privatezza rilevanti qabel ma jużawhom. Dawn jispjegaw il-politika ta' kull kumpanija dwar il-ġbir tad-*data* personali u l-ipproċessar ulterjuri, l-użu tad-*data* minnhom, id-drittijiet tal-utenti u l-modi kif l-utenti jistgħu jipproteġu l-privatezza tagħhom meta jużaw daww is-servizzi.

L-użu ta' għodda tal-IT ta' parti terza bl-ebda mod ma jimplika li l-Kummissjoni Ewropea tapprova lilha jew il-politiki ta' privatezza tagħha. Fil-każ li xi waħda jew aktar mill-għodod tal-IT ta' parti terza okkażjonalment ma jkunux disponibbli, ma naċċettaw l-ebda responsabbiltà għal nuqqas ta' servizz minħabba l-perjodu ta' qtuġħ tagħhom.

8. X'inhuma d-drittijiet tiegħek u kif tista' teżerċitahom?

Għandek drittijiet speċifiċi bħala "suġġett tad-*data*" skont il-Kapitolu III (l-Artikoli 14–25) tar-Regolament (UE) 2018/1725, b'mod partikolari d-dritt li taċċessa d-*data* personali tiegħek u li tikkoreġiha f'każ li d-*data* personali tiegħek ma tkunx eżatta jew ma tkunx kompluta. Fejn ikun applikabbli, għandek id-dritt li tħassar id-*data* personali tiegħek, li tillimita l-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek, li toġġezzjona għall-ipproċessar u d-dritt għall-portabbiltà tad-*data*.

Għandek id-dritt li toġġezzjona għall-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek, li jitwettag legalment skont l-Artikolu 5(1)(a) tar-Regolament (UE) 2018/1725, għal raġunijiet relatati mas-sitwazzjoni partikolari tiegħek.

Int tajt il-kunsens tiegħek li tipprovdi d-*data* personali tiegħek lill-kontrollur tad-*data* għal din l-operazzjoni ta' proċessar. Tista' tirtira l-kunsens tiegħek fi kwalunkwe ħin billi tinnotifika lill-Kontrollur tad-*Data* fuq sante-hpp@ec.europa.eu. L-irtirar tal-kunsens tiegħek mhux se jaffettwa l-legalità tal-ipproċessar imwettaq qabel ma tkun irtirajt il-kunsens.

Tista' teżerċita d-drittijiet tiegħek billi tikkuntattja lill-kontrollur tad-*data*, jew f'każ ta' kunflitt lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data*. Jekk ikun meħtieġ, tista' tindirizza wkoll lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*. L-informazzjoni ta' kuntatt tagħhom hija mogħtija taħt l-Intestatura 9 hawn taħt.

Fejn tixtieq teżerċita d-drittijiet tiegħek fil-kuntest ta' operazzjoni ta' proċessar speċifika waħda jew aktar, jekk jogħġbok ipprovdi d-deskrizzjoni tagħhom (jiġifieri r-Referenza/i tar-rekord tagħhom kif speċifikat taħt l-Intestatura 10 hawn taħt) fit-talba tiegħek.

9. Informazzjoni ta' kuntatt

- Il-Kontrollur tad-*Data*

Jekk tixtieq teżerċita d-drittijiet tiegħek skont ir-Regolament (UE) 2018/1725, jew jekk għandek xi kummenti, mistoqsijiet jew tħassib, jew jekk tixtieq tressaq ilment rigward il-ġbir u l-użu tad-*data* personali tiegħek, ikkuntattja lill-Kontrollur tad-*Data* fuq sante-hpp@ec.europa.eu.

L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* tal-Kummissjoni (UPD)

Tista' tikkuntattja lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* (DATA-PROTECTION-OFFICER@ec.europa.eu) dwar kwistjonijiet relatati mal-ipproċessar tad-*data* personali tiegħek skont ir-Regolament (UE) 2018/1725.

- Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPS)

Int għandek id-dritt għal rikors (jiġifieri tista' tressaq ilment) għand il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (edps@edps.europa.eu) jekk jidhirlek li nkisru d-drittijiet tiegħek skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 bħala riżultat tal-ipproċessar tad-*data* personali mill-kontrollur tad-*data*.

10. Fejn tista' ssib informazzjoni aktar dettaljata?

L-uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Kummissjoni (UPD) jippubblika r-reġistru tal-operazzjonijiet kollha tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-Kummissjoni, li jkunu ġew iddokumentati u nnotifikati lilu. Tista' taċċessa r-reġistru permezz tal-link li ġej: <http://ec.europa.eu/dpo-register>.